5 ta' Marzu 2021

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/1274/19* |
| *Lokazzjoni:* | *Quarry HM23N/A, Targiet Ghomor, Naxxar* |
| *Proposta:* | *Proposed extensions to existing Hardstone Quarry HM23 to +16.0m above MSL including sanctioning of excavations by others.* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 5 MAR 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Dr. Joseph Fenech**
**vs**
**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar.**

L-Appellant Joseph Fenech jesponi bir-rispett:-

I) Illi huwa ghandu titolu fuq din il-propjeta mertu tal-kaz odjern liema proprjeta hija barriera attiva.

II) Illi l-istess proprjeta hija numita bil-permessi necessarji u ilha attiva. Illi parti mis-sit illum proprjeta ta' l-appellant, kien f' idejn terzi u ghadda ghand l-istess appellant permezz ta' titolu ta' cens temporanju fl- 1 ta' Lulju 2014 permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Tania Spiteri.

III) Illi fuq dik il-parti li ghaddiet ghand l-appellant minnghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet fl- 1 ta' Lulju 2014, jirrizulta li kien hemm avviz ta' infurzar numru 153/03 li kien jirrigwardja tqattiegh illegali ta' l-istess sit bhala estenzjoni

mal-barriera numru 23. Illi minkejja li l-barriera numru 23 kienet u ghada ta' l-appellant, il-parti kolpita mill-istess avvviz, fis-sena 2003, ma kienetx ghand l-appellant tant illi l-appellant akkwista din il-parti permezz tal-kuntratt fuq imsemmi.

IV) Illi fl-applikazzjoni odjern, l-appellant intalab illi fl-istess applikazzjoni, issa li is-sit jinkludi il-barriera 23 l-originali u l-estenzjoni akkwistatat fis-sena 2014, jinkludi is-sanzjonar tat-tqattiegh li kien sar f' dik il-parti fis-sena 2003.

V) Illi fis-seduta li nzammet nhar it- 28 ta' Jannar 2021, din l-applikazzjoni giet diskussa quddiem il-Bord ta' l-Ippjanar, li permezz ta' decizjoni mehuda u ppublikata fl- 10 ta' Marzu 2021, filwaqt li approvaw l-istess permess, giet imposta multa ta' hamsin elf Euro (50,000) fuq l-applikant oltre li giet imposta il-kundizzjoni numru 1 li taqra:

> ***The executable version of this permit shall not be issued prior to the submission and validation of a restoration masterplan covering the quarries of HM15, HM22, HM 23 and ex-Hardrocks quarry (Wied Filep Quarry Complex).***

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat mill-imposizzjoni ta' din il-multa kif ukoll mill-imposizzjoni ta' din il- kundizzjoni numru wiehed (1) u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell.
- 

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.0 **B'reazzjoni ghall-imposzzjoni tal-multa.**

1.1 Fl-ewwel lok, jigi rilevat illi l-imposizzjoni ta' multa, hija f' hija innifisa imposizzjoni ta' penali li ghandha l-bazi taghha fuq ksur ta' Ligi.

1.2 Illi l-appellant wera bic-car illi l-parti kolpita bl-avviz 153/03 ma kienetx fil-pussess tieghu stante li l-istess appellant kiseb titolu fuq l-istess parti hdax il-sena wara u cioe fis-sena 2014. Illi s-semplici fatt li l-avviz kien inhareg f' ismu ma jfisser xejn ghaliex ma tressqet l-ebda prova li fil-fatt kien l-appellant li ghamel l-skavar illegali. Fil-fatt huwa ovvju li avviz inhareg f;isem l-appellant ghaliex l-Awtorita kienet hasbet illi din kienet estenzjoni tal-barriera 23, li fil-fatt, kif jirrizulta, ma kienx il-kaz.

1.3 Illi oltre dan, stante li hawn si tratta ta' rizorsa, lanqas ma jista jingha dli l-appellant qieghed jiehu xi beneficcju mill-illegalita, stante li fir-realta ir-raguni ta' dan is-sit huwa li titqatta ir-rizorsa. Bl-iskavar illegali li sar minn terzi, ir-rizorsa ha il-beneficcju taghha it-terz, filwaqt illi l-multa giet imposta fuq l-appellant.

1.4 Illi huwa ben risaput anke fil-gurisprudenza, illi fl-imposizzjoni ta' multi naxxenti minn attivita illegali, l-awtoritajiet ghandhom isegwu proceduri rigidi, gusti u adegwati, u taht l-ebda cirkostanza ma tista tigi imposta multa fuq persuna minnghajr prova li dik il-persuna kien involut fl-attivita illegali. Illi dan imur anke kontra dak provdut fil-Kostituzzjoni ta' Malta u kontra il-Konvenzjoni Ewropea stante li hadd ma jista jinstab hati ta; xi haga li m' ghamilx.

2.0 **B'reazzjopni ghall-ewwel kundizzjoni fil-permess**

2.1 Illi l-Appellant huwa is-sid tal-barriera 23. Il-barrieri l-ohra imsemmija fil-kundizzjoni u cioe HM15, HM 22 u l-Ex Hardrocks Quarry m' humiex ta' l-appellant.

2.2 illi diga kien hemm tentattiv bejn is-sidien kollha tal-barrieri fuq imsemmija li jaghmlu dak mitlub f' din il-kundizzjoni u dan tramite PA 9079/18. Izda dan il-process falla ghaliex parti mill-art kolpita mill-istess kundizzjoni hija proprjeta pubblika, u l-Awtorita ta' l-Artijiet ma taghtx il-kunsens taghha sabiex issir l-applikazzjoni. Stante li l-Awtorita ma tibdiex tqis applikazzjoni minnghajr il-kunsens ta' l-Awtorita ta' l-Artijiet, allura din l-applikazzjoni lanqas biss bdiet u ma gietx validtata.

2.3 Illi ghalhekk, l-imposizzjoni ta' kundizzjoni li tibbliga li ssir tali applikazzjoni u li l-istess applikazzjoni trid tkun giet validtata, hija kundizzjoni irragonevoli u li tqieghed lill-appellant f' sitwazzjoni impossibbli li jonora.

2.4 F'dan il-kuntest l-appellant kien issugerixxa li l-kundizzjoni 1 tinbidel u tintrabat mal-kundizzjoni 2 fejn il-garanzija bankarja tibqa torbot fuq is-sit sakemm din l-applikazzjoni tkun tista ssir u tigi validata, suggeriment li ma giex milqugh mill-Bord.

2.5 Illi attwalment l-appellant ghandu permess li ma jistax jesegwixxi u qieghed fl-impossibilita li jesegwixxi ghaliex l-ezekuzzjoni ta' l-istess hija sospiza in vista tal-kundizzjoni numru 1. Izjed ma dan il-permess jibqa sospiz, izjed m'hu ser idum biex jintlahaq l-oggettiv tal-Pjan ta' Restawr mahsub fil-kundizzjoni 1 stante li qabel ma titnehha ir-rizorsa li hemm fil-barriera, il-Pjan ma jistax jibda b' mod effettiv. Illi ghaldaqstant, din il-kundizzjoni jew ghandha titnehha, jew inkella ghanda tkun marbuta mal-garanzija bankarja u mhux ma l-ezekuzzjoni tal-permess.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li rrefera ghalihom jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u it-Tribunal ghandu, filwaqt li jilqa l-appell ta' l-appellanti, jhassar l-imposizzjoni tal-multa ta' hamsin elf Euro kif ukoll li jikkancella jew jemenda il-kundizzjoni numru wiehed kif fuq imsemmi.

Bir-Rispett,

**Avukat Ian Stafrace**

Xiedha:

> l-appellanti, konsulenti tiegħu, consultees ta' l-Awtorita, sidien ta' barrier u siti fil-madwar sabiex jixdhu fuq il-fatti.